TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 196/17/F

**John u Doris Monreal**

**vs**

**Centro Casalinga**

Illum 12 ta' Frar, 2019

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-31 t'Ottubru, 2017 fejn ir-rikorrenti talbu rifużjoni ta' erba' mitt Ewro (€400), rappreżentanti l-prezz ta' tumble dryer illi minkejja li sarulha diversi tiswijiet, xorta baqgħet bil-problema.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu xtraw tumble dryer għall-prezz ta' erba' mitt Ewro (€400), u mall-ewwel bdew bil-problemi, fis-sens li kien ħiereġ l-ilma u wara li ssewwiet kienet issadded, u minkejja li ssadded ukoll u rranġawha, xorta baqgħet bil-problema li kienet qed taqta' d-dawl.

It-Tribunal, ordna li din it-tumble dryer tittranġa u tingħata lura lir-rikorrenti sabiex jużawha. Irriżulta, illi minkejja li ġiet irranġata, xorta baqgħet bil-problema u xorta ħareġ is-sadid.

It-Tribunal, jinnota li l-intimat għamel ħafna tiswijiet fuq din it-tumble dryer, pero' jirriżulta li xorta baqgħu ħerġin il-problemi.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' tlett mitt Ewro (€300), u b'dan illi t-tumble dryer tiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888